**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 2 t'Awissu,2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**
**(Spettur Roderick Agius)**

**-vs-**

**Wayne Falzon, detentur tal-Karta t'Identita` numru 387585M**

*Kumpilazzjoni Nru. 64/2017*

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Wayne Falzon u ċioè talli:

B' diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda flimkien ma' persuna oħra:-

1) Nhar id-19 ta' Jannar, 2017, għall-ħabta tal-04.30hrs minn ġewwa PitStop Service Station fi Triq l-Imdina, Attard, ikkometta serq ta' flus kontanti, liema serq ma kienx iżjed minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u desghin centezmu (232.94 Euros), liema serq huwa ikkwalifikat bil-'mezz' u bil-'ħin', għad- dannu ta' Franridge Schembri.

2) Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament hassar, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, meta għamel ħsara fil-'PitStop

Service Station', liema ħsara ma kienitx tiskorri l-elfejn u hames mitt Euro (2,500) iżda kienet iżjed minn mitejn u ħamsin Euro (250);

3) Nhar is-26 ta' Jannar, 2017, għall-ħabta tal-23.30hrs minn ġewwa 'PitStop Service Station' fi Triq l-Imdina, Attard, ikkometta serq ta' flus kontanti, liema serq ma kienx iżjed minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94 Euros), liema serq huwa ikkwalifikat bil-'mezz' u bil-'ħin', għad-dannu ta' Franridge Schembri;

4) Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, meta għamel ħsara fil- 'PitStop Service Station', liema ħsara tiskorri l-elfejn u ħames mitt Euro (2,500)

5) Nhar is- 27 ta' Jannar, 2017, għall-ħabta tal- 03.00hrs minn ġewwa 'Mr. Clean', fi Triq in-Naxxar, Iklin, ikkometta serq ta' flus kontanti, liema serq kien iżjed minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94 Euros) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37 Euros) liema serq huwa ikkwalifikat bil-'valur', 'mezz' u bil-'ħin', għad-dannu ta' Jurgen Bugeja.

6) Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, jew għarraq ħwejjeġ ħaddiehor, mobbli jew immobbli, meta għamel ħsara fil-'Mr. Clean', liema ħsara ma kienitx tiskorri l-elfejn u hames mitt Euro (2,500) iżda hija iżjed minn mitejn u hamsin Euro (250).

7) Nhar il-31 ta' Jannar, 2017, għall-ħabta tas- 01.15hrs minn ġewwa 'JAV Service Station', fi Triq l-Imdina, Qormi, ikkometta serq ta' flus kontanti, liema serq ma kienx izjed minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94 Euros), liema serq huwa ikkwalifikat bil-'mezz' u bil-'ħin', għad-dannu ta' James Meli.

8) Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, jew għarraq ħwejjeġ ħaddiehor, mobbli jew immobbli, meta għamel ħsara fil- 'JAV Service Station', liema ħsara ma kienitx tiskorri l-elfejn u hames mitt Euro (2,500) iżda hija iżjed minn mitejn u hamsin Euro (250);

9) Nhar il- 31 ta' Jannar, 2017, għall-ħabta tal- 01.40hrs minn ġewwa 'AutoMarket' fi Triq l-Imdina, Żebbuġ, ikkometta serq ta' flus kontanti, liema serq kien iżjed minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94 Euros) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37 Euros) liema serq huwa ikkwalifikat bil-'valur', 'mezz' u bil-'ħin', għad-dannu ta' Joseph Falzon u/jew persuni ohra.

10) Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, meta għamel hsara fl-'AutoMarket', liema ħsara ma kienitx tiskorri l-elfejn u ħames mitt Euro (2,500) iżda hija iżjed minn mitejn u hamsin Euro (250);

U talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kiser il-*probation* taħt l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta fejn kien gie misjub ħati minn sentenza tal-Qorti tal- Magistrati f'Malta fis 07 ta' Novembru, 2016, mill- Magistrat Dr. J. Demicoli LL.D.;

Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kkommetta reat waqt li kien taħt sentenza sospiża, liema sentenza ngħatat mill-Qorti tal-Magistrati Maltin preseduta mill-Magistrat Dr. F. Depasquale LL.D. nhar is-16 ta' Lulju, 2013, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba li titratta lill-imputat bħala reċediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Kodiċi Kriminali, meta huwa kien ġie misjub ħati u kkundannat għall-reati, b'sentenzi ta' reati Maltin, liema sentenzi saru defenittivi.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi **l-Ispettur Roderick Agius** spjega kif fil-31 ta' Jannar, 2017, kien gie nfurmat li kienet sfat misrqua JAV Service Station, Hal-Qormi, meta *dispensers* tal-arja gew sgassati u nsterqu l-flus minn fihom. Xi siegha u nofs wara kien gie anke nfurmat b'serqa ohra din id-darba minn Automarket Petrol Station, Haz-Zebbug, fejn regghu gew sgassati w misruqa d-*dispensers*. Fiz-zewg okkazzjonijiet kien hemm *CCTV footage* fejn dehru zewg persuni li ghamlu uzu minn Jaguar X bin-numru HEL-067. [1] Investigazzjonijiet wrew li l-vettura kienet registrata fuq Ryan Briffa li mitkellem mill-pulizija stqarr li kien bieghha lil certu Raphael

[1] Fol.93

Falzon izda ma kienitx inqalbet ghal fuqu ghaliex Falzon kellu xi problemi fnanzjarji. Irrizulta ukoll li dan Falzon kellu tifel li mill-*footage* elevat deher jixbah il-persuna li wettqet l-imsemmija serqiet. Kien anke gie nfurmat li serqiet simili sehhew f'Birkirkara.[2] Raphael Falzon kien gie investigat fejn stqarr li kien xtraha ghal ibnu, Wayne Falzon. Qal ukoll li ghal din il-vettura kien hemm biss cavetta wahda u li hu ma kienx isuq il-vettura wara it-8pm izda li din tkun qed tintuza minn ibnu. L-ispettur pprezenta ritratti (u CD) mehudha mill-footage mghoddija lill-Pulizija mis-sidien tal-pompi misruqa u cioe' Falzon u Meli.[3] In kontro-ezami kkonferma li certu Gilbert kien ikun fil-kumpanija tal-imputat. Jghid hekk dwar l-identifikazzjoni tal-imputat mill-filmati *"l-wicc ma nistax nghid li rajtu u gharaftu mija fil-mija, sewwa, biss l-istatura tixbah u anki l-mod kif jimxi u jiccaqlaq tixbah hafna lil tal-imputat. Il-mod kif jimxi, l-mod kif jiccaqlaq, it-tul, il-build tal-gisem."*[4]

Il-Qorti ezaminat dawn l-istills minn fejn ma jistax jinghad li fihom jista' jigi identifikat l-imputat. Jidher ukoll li l-hallelin, fejn wiehed minnhom – dak bl-iswed - jidher bl-istess ilbies, u minn fejn jidher ukoll li l-hallellin ma kienux qed jaghmlu uzu minn xi ngwanti. Dan qed jinghad in vista li ma gew elevati l-ebda impronti digitali minn fuq iz-zewg postijiet derubati.

Illi l-**Ispettur Elton Taliana** xehed kif fis-27 ta' Frar, 2017, il-Pulizija rceviet rapport li giet msiruqa il-PitStop Service Station f'Attard. Mill-*footage* fl-istation, kien ra zewg persuni li kienu qed jaghmlu uzu minn vettura Jaguar HEL-067. Is-sid kien qal li din ma kienitx l-ewwel darba li l-pompa sfat misruqa u wara din is-serqa iddecieda li jaghmel rapport fejn ghadda l-*footage* lill-pulizija.[5] Taliana kien kellem lil Ryan Briffa li kien qal li biegh il-vettura lil Raphael Falzon u li Wayne Falzon kien prezenti meta beda jinnegozja l-vettura. Fl-istess zmien li kienu qed isiru dawn l-investigazzjonijiet kienet giet rapportata serqa ohra minn service station l-Iklin, Mr Clean, fejn kienet intuzat l-istess vettura.[6] L-imputat kien maghruf mal-pulizija u l-istatura tal-halliel li jidher fil-*footage* kienet tixbah dik tal-imputat; missieru kellu statura differenti ghal dik ta' ibnu.

---

[2] Fol.95
[3] Dok.RA-RA1 a fol.100 u 101
[4] Fol.98
[5] Fol.102
[6] Fol.103

In kontro-ezami spjega li Raphael Falzon kien semma' biss lill-ibnu bhala l-persuna li kienet qed taghmel uzu mill-vettura.[7]

Illi l-imputat rrilaxxa stqarrija fejn naqas milli jwiegeb ghall-bosta domandi dwar is-serqiet li gie investigat dwarhom u sussegwentement akkuzat bihom. Semma' biss li kien jaf lil certu Gilbert Zammit mill-Habs.[8]

Illi **PS1284 Ian Caruana** pprezenta rapport redatt minn PC1439 Pace Carl[9] minn fejn rrizulta li nhar il-**31 ta' Jannar, 2017**, s-sid ta' AutoMarket Fuel Petrol Station rraporta li sab tlett magni fil-petrol station tieghu sgassati u l-valur misruq minnhom kien ta €440. Ezamijiet tas-CCTV wrew persuna libsa *hoodie* li niezlet mill-vettura tat-tip Jaguar bin-numru HEL-067 waqt li fil-vettura baqa' ix-xufier taghha li kien qed idur fl-akkwata. Il-Current Incident Report jindika bhala l-Incident Time il-hin bejn **01:10 u 01:40.**[10]

Illi **Joseph Falzon,** sid tal-AutoMarket Petrol Station ikkonferma li kien ghamel rapport mal-Pulizija wara li sab *vending machines* tal-car wash sgassati fejn l-ammont misruq kien ta' €387 filwaqt li it-tlieta li huma kellhom hsarat.[11] Ix-xhud ghadda ukoll il-filmat tas-CCTV lill-pulizija min fejn tidher vettura HEL067 li pparkjat wara l-petrol station fejn fiha persuna baqghet bilqeghda. Persuna ohra tidher timxi certu tul imbghad hekk kif kienet ser idur libset barnuza u bdiet tisgassa l-magni **permezz ta' imqass**. Hekk kif wasslu vetturi biex jiehdu l-petrol kien qed jistahba wara l-magni u kif dawn jitilqu ikompli jisgassa l-magni. Il-vettura ftit wara instaqet ghal quddiem il-pompa izda kif wasslet vettura ohra dan dahar mar-roundabout u rega' dahal fil-pompa. Ix-xhud jghid li mill-profil ta' dak li ra jisgassa l-cameras, dan rah li kien jixbah hafna lill-imputat *"Ghax imbghad libes il-barnuza x'hin gie vicin il-cameras l-ohra."*[12]

Illi **PS274 James Turner** xehed dwar rapport ta' serq minn JAV Service Station,[13] fejn minn investigazzjonijiet fuq filmati seta' jikkonstata li fis-1:20:00 u 1:25:00 tidher vettura Jaguar X li minnha harget persuna fejn

[7] Fol.105
[8] Dok. ET a fol.7 et seq.
[9] Dok.IC a fol.37 et seq.
[10] Fol.37
[11] Fol.40-42
[12] Fol.44
[13] Dok. JT fol.62 et seq.

permezz ta' imqass tal-pjanci qacctet il-pjanci tal-inflater u serqet il-flus. Hekk kif kien qed isir stahrrig fuq din il-vettura rrizulta li kienet involuta f'serq iehor simili f'Birkirkara.Fol.60 Il-vettura kienet registrata fuq Ryan Briffa li kien bieghha lil certu Wayne Falzon izda l-vettura kienet insured fuq Gilbert Busuttil.[14] Mir-rapport esebit is-Surgent jirrimarka li l-cameras kellhom 12 il-minuta lura u ghalhekk il-hin tas-serqa kien dak ghall-habta tas-**1:32 -1:37am.**[15] Dan hu ukoll konfermat mill-Current Incident Report bhala l-**Incident Time**.[16] Fl-istess rapport jigi indikat, minn update maghmul minn PC903, li nhar l-1 ta' Frar, 2017, Ryan Briffa rraporta li kien sab vettura Jaguar X bin-numru HEL-067, quddiem l-Andrews Bar, liema vettura kien sellifha lil Wayne Falzon.[17]

Illi **James Meli** sid ta' JAV Service Station f'Hal-Qormi xehed kif fil-**31 ta' Jannar, 2017**, kien sab it-tyre infalter machine sgassata. Iccekja is-CCTV u ra li din giet sgassata ghal xi **01.30am.**[18] **L-isgass sar permezz ta' mqass** li kien fih bejn pied u pied u nofs, minn guvni rqieq. Kienu insterqu madwar €50 u l-hsara kawzata kienet ta' €106.[19] Dan l-isgass dam sejjer ghal madwar 7 minuti ghaliex il-halliel kellu jmur igib bicca ghodda ohra minhabba li l-lock tal-magna kellu cintorin tas-sigurta` li kien tal-*stainless steel*.[20] Jghid li l-halliel kien libes *hoodie*, gakketta u qalziet tat-tracksuit sewda u kif lesta rikeb ghal go Jaguar. Bhala fizjonomija jghid li kien ta' karnaggjon bajdanija u irqieq hafna, li jaghti lemha lill-imputat; madanakollu hu kien rah biss mill-genb u ghalhekk wiccu ma tantx rah.

Illi **Franridge Schembri,** manager tal-Pitstop Service Station, Attard, xehed kif kien ghamel zewg rapporti mal-Pulizija dwar zewg okkazzjonijiet ta' sgass li kien hemm fl-istabbiliment tieghu. Spjega li l-ewwel sgass kien fuq il-magna tal-arja u tal-ilma fejn il-kaxxa tal-flus insterqet kif ukoll kien hemm hsarat li gew irrangati.[21] Dawn il-hsarat kienu fl-ammont ta' €2765 (minghajr VAT).[22] Minn *CCTV footage* dehret

---

[14] Fol.61
[15] Fol.64
[16] Fol.62
[17] Fol.65
[18] Fol.45
[19] Dok.JM u JM1, fol.49-50.
[20] Fol.46
[21] Fol.69
[22] Dok.FS a fol.75

vettura Jaguar HEL-067 bi tnejn min-nies li pparkjaw quddiem il-magna tal-*air and water*. Hu lemah persuna li tinzel ticcekja xi haga terga' tidhol fil-vettura u tohrog persuna ohra li jisgassa l-bieba ta' wara u jhalli l-kaxxa tal-flus quddiem il-vettura.[23]

It-tieni sgass sehh jiem wara meta kienu lahqu gew installati burglar alarms. Kien ghall-habta tal-11:30 pm li daqqet l-alarm u meta mar jiccekja l-*footage* l-ghada filghodu rega' ra l-istess vettura fil-carwash u zewg persuni; wiehed jahsel il-vettura, biex izomm *lookout*[24], u l-iehor jaqta' permezz ta' mqass tax-xibka filwaqt li jipprova jillieva il-post fejn ikun hemm il-flus fil-magna tal-arja. Hekk kif daqqet l-alarm dawn harbu minn fuq il-post.[25] Il-hsara din id-darba kienet fl-ammont ta' €1395(minghajr VAT).[26] Gie esebit il-footage imsemmi taz-zewg serqiet.[27]

Illi xehed **Jurgen Bugeja**, direttur ta' service station fl-Iklin li mill-current incident report jirrizulta li jisimha Mr Clean.[28]. Bugeja xehed kienu gew sgassati il-magni tas-*self service car wash*, tal-hoover tat-tyres, tal-arja u magna li ssarraf il-flus, li b'kollox lahhqu il-€900. Esebixxa ukoll CCTV *footage*[29] min fejn kien ra persuna hierga minn vettura li dahhlet il-carwash u ghamlet l-isgass.[30]

Illi **Karen Cremona** in rapprezentanza ta' transport malta xehdet li l-vettura Jaguar X Type bin-numru HEL-067 kienet registrat fuq Tony Autoparts fejn il-contact person kien Ryan Briffa u kienet hekk registrata sa minn Awissu 2016.[31]

Illi **Ryan Briffa** xehed li hu kien biegh il-vettura in kwistjoni lil Raphael Falzon, missier l-imputat li gie identifikat fl-awla mix-xhud. It-transfer ma kienx lahaq sar ghax kien hemm xi multi li kienu ghad iridu jigu mhallsa.[32] Wara li kienu baghtu biex ikellmuh il-pulizija, wara li sehhew dawn is-serqiet, kien ra l-vettura f'Birkirkara u mar qalalha n-number

[23] Fol.70
[24] Fol.72
[25] Fol.71
[26] Dok.FS2 a fol.77
[27] Dok.FS1.
[28] Dok. ETZ1 a fol.109 et seq
[29] Dok.JB
[30] Fol. 78-81
[31] Fol.120
[32] Fol.126

plates u hadhom l-Ghassa.[33] Din il-vettura sabha pparkjata quddiem id-dar ta' Falzon.

Illi **Joseph Muscat** kien mahtur espert sabiex janlizza l-*footage* mis-CCTV esebiti minn Bugeja u Schembri nhar l-24 ta' Frar, 2017.[34] L-espert xehed li l-filmati ma kienux cari li jippermettu li tingharaf il-persuna li tidher fihom.

Illi l-imputat ghazel li jixhed u filwaqt li nnega l-involviment tieghu, esebixxa lista ta' kontravvenzjonijiet fuq il-vettura HEL-067 li turi li fil-21 ta' Jannar, 2017, kien Gilbert Busutill, detentur tal-karta tal-identita` numru 586785M, li kien wehel citazzjoni fuq vjolazzjoni li sehhet f'San Pawl il-Bahar. Dan meta fost l-akkuzi addebitati lill-imputat hemm wahda li tirrisali anke ghad-19 ta' Jannar, 2017. Falzon xehed li biegh il-vettura lil Busutill fis-7 ta' Jannar, 2017 izda transfer ma setghax isir ghaliex is-sid precedenti kellu numru ta' citazzjonijiet mhux imhallsa fuq ismu. Dan hu konfortat mid-dokument esebit mill-istess imputat li gja saret riferenza ghalih. Jixhed hekk l-imputat: *Jien bihhejtha l-karozza, kif mort biex naghmel it-transfer m'ghamiltux ghax sibt dawn ic-citazzjonijiet kollha tal-ewwel sid, u nfatti anki citazzjonijiet fuq ismu hawn li kien qed juza l-karozza, jieqaf u jaqla citazzjoni. Ma thallsitx il-licenzja tal-windscreen ghax ma stajtx habba citazzjonijiet, imma jien il-parti tieghi ghamiltha biex naghmel it-transfer, ghamilt l-insurance u kollox. ….Jiena l-Jaguar intqajt mieghu ergajt biex niftiehem mieghu ghac-citazzjonijiet ghidtlu tini cans zmien xhar, rajtha qisu gimghatejn wara, imma hu kien lahaq taghni d-deposit, hallas l-insurance u hallas kollox. Ghidtlu tini cans xhar, xhar u gimgha halli nehles mic-citazzjonijiet, ghax kien hemm elf Euro citazzjonijiet, biex naghmel transfer…c-citazzjonijiet minghand l-ewwel sid minghand min xtraha l-Papa tieghi, u kien hemm ic-citazzjonijiet.. .*[35]

Falzon jixhed li kien saq il-vettura l-ahhar qabel is-7 ta' Jannar, 2017, meta l-insurance saret fuq Busutill. Difficli wiehed jifhem ghaliex bniedem kellu jaqleb assikurazzjoni ta' vettura fuq terz jekk mhux ghax hu ma kienx qed jezercita xi kontroll fuqha! Illi x-xhieda ta' Falzon tasal biex toffri spjegazzjoni ghar-raguni li wara li l-vettura nxtrat minn missieru, hu bieghha lil Busuttil xahar wara: "*Jiena l-Papa xtrahieli xi xhar*

[33] Fol.127
[34] Vide verbal tas-27 t'April, 2017
[35] Fol.211-212

*qabel, ghamlet xhar ghandi l-Jaguar qabel id-data li bihhejtha jiena. … Kellha licenzja gholja, u lil missieri ghidtlu tixtrilix karozza b'licenzja gholja ghax mhux kapaci nzommha b'700 licenzja, 500 insurance, u ddecidejt li nbiha biex nixtri karozza ohra. Kif mort biex naghmel it-transfer sibt dawn il-madoffi multi, elf Euro kwazi multi. Mort biex nitkellem ma' min xtara l-karozza missieri biex forsi jhallasli l-multi, u gejt arrestat u mressaq il-Qorti ghax ma wegibt ghal xejn fuq l-affarijiet. Infatti l-Ispettur kemm hu veru hekk lanqas minghandi ma hadha l-karozza, hadha minghand Gilbert Busuttil. …Issa hemmhekk ma nistax inwiegbek jien ma' min kien, infatti jien l-pulizija gew id-dar hadu l-hwejjeg, hadu z-zraben, ma qabel xejn, tajthom il-fingerprints, u mu ha jsibu xejn ghax mhux jien kont inkun mieghu. Jien ha mmur nisraq bil-karozza naf li qeghda fuqi bin-number plate jidher, ma tarax."*[36]

Illi l-grad tal-prova mistennija mill-imputat hija biss dik sal-grad tal-probabbli. Grad li din il-Qorti tqis li intlahaq. Galadarba kif tissottometti l-abbli prosekuzzjoni, fil-konfront ta' Busutill kienet inghatat sentenza li saret *res judicata,* il-Qorti kienet tistenna lill-istess prosekuzzjoni li tissostanzja l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat billi tressaq bhala xhud lill-istess Busuttil. Minghajr ix-xhieda tieghu, ma ngabet ebda prova li b'xi mod tikkontradici l-verzjoni li jaghti Falzon. Lanqas ma jirrizulta li l-prosekuzzjoni insistiet li jixhed missier l-imputat tenut kont li dak kollu li stqarr mal-pulizija Raphael Falzon jikkostitwixxi biss *hearsay*, u ghaldaqstant mhux prova ammissibbli. Ix-xhieda tal-missier bla dubbju kienet tkun ferm utli sabiex issir d-debita prova dwar iz-zmien u l-hin li l-karozza li tidher fil-filmati tas-serqiet, kienet qeghda fil-pussess t'ibnu.

Illi l-prosekuzzjoni taghti importanza ghall-fatt li fl-interogazzjoni tieghu l-imputat naqas milli joffri l-ispjegazzjoni li ta ghall-ewwel darba quddiem din il-Qorti. Dan hu kollu minnu, izda bl-introduzzjoni tal-*Att LI tal-2016* iddahhlet is-segwenti disposizzjoni fl-artikolu 355AUA(7) tal-Kodici Kriminali:

> (7) Fejn fi kwalunkwe proċeduri quddiem qorti tal-ġustizzja ta' ġurisdizzjoni kriminali kontra persuna għal reat, tingħata evidenza li l-persuna suspettata jew akkużata -
>
> (*a*) fi kwalunkwe ħin qabel ma ġiet akkużata bir-reat, fl-interrogazzjoni mill-Pulizija Eżekuttiva jew minn awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja waqt li qegħdin jippruvaw

[36] Fol.213-214

jiskopru jekk jew minn min ġie kommess ir-reat, tonqos milli ssemmi kwalunkwe fatt fid-difiża tagħha f'dawk il-proċeduri; jew

(*b*) malli tkun akkużata b'dak ir-reat jew tiġi infurmata uffiċjalment li tista' tgħaddi minn proċess ta' prosekuzzjoni għalih, tonqos milli ssemmi xi fatt,
li jkun fatt li fiċ-ċirkostanzi li kienu jeżistu meta l-persuna suspettata jew akkużata setgħet raġonevolment tkun mistennija li ssemmi waqt l-interrogazzjoni, meta ġiet akkużata jew infurmata, skont kif ikun il-każ, **ebda inferenza ma tista' ssir min-nuqqas** tal-persuna suspettata jew akkużata milli ssemmi fatti li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala provi ta' ħtija jew li jammontaw għall-korroborazzjoni ta' kwalunkwe prova ta' ħtija tal-persuna suspettata jew akkużata.

Ghalhekk il-prosekuzzjoni ma tista qatt tippretendi li l-Qorti ghandha tiskarta x-xhieda tal-imputat, ghall-fatt biss li hu naqas milli jaghmel id-difiza tieghu mal-ewwel opportunita`, anke jekk wiehed hekk jistenna tenut kont li hu fl-interess ta' kull persuna li xxejjen kull suspett minn fuqha.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi processwali, din il-Qorti ma tistax ghajr tillibera lill-imputat minn kwalunkwe htija u piena fuq l-akkuzi kollha imputati lilu fuq mankanza ta' provi.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Magistrat**